**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**

**Patrick Ryan Mc Gahern**

**Illum, 27 ta' Mejju, 2016**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Patrick Ryan Mc Gahern, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 330205L;

Akkuzat talli:

> F'dawn il-gzejjer, mill-14 ta' April 2016 'l hawn, ksirt il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Antonio Micallef Trigona LL.D., mogħtija lilek fl-14 ta' April 2016, kif ukoll dawk il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mogħtija lilek mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, Maġistrat Dr. Aaron Bugeja LLD, f'dan li

nqast milli tidher għall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija għal diversi drabi, kif ukoll inqast li tosserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħtek l-ħelsien mill-arrest, billi nqast li tiffirma kif ordnat lilek fl-għassa ta' Haz Zabbar, fost kundizzjonijiet oħra mposti fuqek mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Patrick Ryan Mc Gahern u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' € 10,000 bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (1),(2), u (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi mressqa;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u in partikolari id-dokumenti RS3, RS4 u RS5, kif ukoll mill-*Bail Books* illi jiffirma l-imputat jirrizulta li l-imputat kiser xi kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest. L-imputat jammetti ukoll illi kien hemm xi granet fejn hu ma marx jiffirma izda dan kien ghaliex kien marid u jghid li meta mar bic-certifikati l-Ghassa ta' Haz-Zabbar fejn jiffirma, gie nfurmat biex ic-certifikati jtellaghhom il-Qorti. Jirrizulta wkoll li fil-waqt illi huwa baqa' jiffirma fuq wiehed mill-*Bail Books,* huwa ma baqax jiffirma fuq l-iehor wara li

hareg mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fejn kien mizmum ghall-perjodu qasir bejn Jannar 2016 u April 2016. Jghid illi meta mar jiffirma l-Ghassa huwa kien qed jigi moghti ktieb wiehed biex jiffirma u haseb li allura l-ktieb l-iehor ma kellux ghalfejn jibqa' jiffirma fuqu. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, tenut kont il-perjodu qasir li ghadda bejn iz-zmien meta l-imputat hareg mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u z-zmien li tressaq quddiem din il-Qorti minhabba ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, kif ukoll tenut kont li f'xi dati li qed jigi akkuzat li kiser dawn il-kundizzjonijiet huwa ffirma fuq wiehed mill-kotba izda fl-istess gurnata ma ffirmax ukoll fuq il-ktieb l-iehor, il-Qorti hija disposta li temmen l-ispjegazzjoni ghal dan in-nuqqas migjuba mill-imputat. Dan apparti pero', jibqa' l-fatt li kif jammetti l-imputat stess b'tali spjegazzjoni, l-imputat kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest tieghu.

Illi ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati.

Illi, fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz odjern, il-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja tkun aktar ta' detriment milli ta' gid ghall-imputat u ghalhekk qeghda tikkundannah multa ta' Elf Ewro (€1,000), u konsegwentament qeghda tichad it-talba ghar-revoka tal-helsien mill-arrest. Il-Qorti thalli in vigore l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest fil-konfront ta' l-imputat ai termini tad-digriet tal-5 ta' Gunju 2014 u tad-digriet tal-14 t'April 2016.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem semplici l-obbligi tieghu ai termini tal-istess digrieti kif ukoll l-import tas-sentenza tal-lum.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur